MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 19/2009

Rikors skond l-Att dwar iz-Zwieg Kap. 255
fl-ismijiet:-

**Annunziata Bezzina**

**v.**

**Anthony Paul Xuereb u d-Direttur**
**tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors ta’ Annunziata Bezzina, minna pprezentat fis-16 ta’ Marzu 2009, li permezz tieghu talbet li din il-Qorti “tordna li d-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku fuq imsemmija li permezz taghha z-zwieg ta’ bejn Annunziata Bezzina u Anthony P. Xuereb [celebrat fit-3 ta’ Settembru 1977 fil-Knisja Kattidrali ta’ Victoria, Ghawdex] gie dikjarat null, tigi registrata u meqjusa wkoll bhala decizjoni ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi Civili kif tipprovdi [recte: kif provvdut] fl-artikoli 23 u 24 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta”;

Rat l-atti ezibiti mar-rikors, konsistenti fic-certifikat taz-zwieg tar-Registru Pubbliku (Dok. A), kopja awtentikata tad-decizjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku tad-Djocesi ta’ Ghawdex datata 10 ta’ Awwissu 2007 (Dok. B), kopja awtentikata tad-digriet ta’ ratifika tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tat-30 ta’ Mejju 2008 (Dok. C), sommarju tal-istess digriet ta’ ratifika (Dok. D) u Digriet ta’ Ezekuttivita` mahrug mit-Tribunal Ekklezjastiku tad-Djocesi ta’ Ghawdex (Dok. X);

Rat li Anthony Paul Bezzina, debitament notifikat bir-rikors fil-25 ta’ Marzu 2009, baqa’ ma pprezentax risposta; rat li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, ukoll debitament notifikat fit-23 ta’ Marzu 2009, baqa’ ma pprezentax risposta (u dan kuntrarjament ghal dak li dejjem isir mir-Direttur tar-Registru Pubbliku f’Malta li dejjem u immankabbilment jindenja ruhhu jwiegeb ghal dawn ir-rikorsi);

Rat id-digriet preliminari taghha tal-1 ta’ Gunju 2009 li bih din il-Qorti, konformement ma’ dak li tghid il-ligi cioe` l-Kap. 255 u l-ftehim bejn is-Santa Sede u Malta tat-3 ta’ Frar 1993 kif inkorporat fl-istess Kap. 255, ezigiet li d-Digriet ta’ Ezekuttivita` ikun mahrug mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza (ghax kien dan it-Tribunal li ta d-decizjoni ezekuttiva) u mhux mit-Tribunal ta’ l-Ewwel Istanza (f’dan il-kaz it-tribunal Ekklesjastiku tad-Djocesi ta’ Ghawdex); fl-istess digriet preliminari din il-Qorti ssollevat *ex officio* il-kwistjoni dwar l-applikabbilita` o meno ghal dan il-kaz tal-Artikoli 23 sa 26 tal-Kap. 255 imsemmi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tat-8 ta' Gunju 2009 u 22 ta' Gunju 2009; rat in-nota ta' Annuziata Bezzina tat-8 ta' Gunju 2009 li permezz taghha ezibiet id-Digriet ta' Ezekuttivita`, datat 2 ta' Gunju 2009, mahrug mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tal-Konferenza Episkopali Maltija;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex tat-12 ta' Gunju 2009, nota li, fil-fehma ta' din il-Qorti semplicement tirriproduci diversi disposizzjonijiet tal-ligi minghajr ma taghmel l-icken sforz biex tipprova tifhem l-istess disposizzjonijiet u l-iskop u l-portata taghhom;

Ikkunsidrat:

L-Artikolu 23(1) tal-Kap. 255 jipprovdi hekk:

**"Decizjoni li tkun saret ezekuttiva, moghtija minn tribunal, u li tiddikjara n-nullita` ta' Zwieg Kattoliku ghandha, meta parti wahda tkun domiciljata Malta jew tkun cittadin ta' Malta, u bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 24 ta' dan l-Att, tigi rikonoxxuta u mar-registrazzjoni taghha skond l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet decizjoni minn Qorti u li tkun saret *res judicata*."**

L-Artikoli 24 u 26 jipprovdu li r-registrazzjoni ssir b'digriet ta' din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – wara li din tkun sodisfatta li gew segwiti certi proceduri. Fi kliem iehor il-ligi – salv dejjem dak li jipprovdi l-Artikolu 24 – tipparifika decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ma' decizjoni tal-Qrati ta' Malta li tiddikjara n-nullita` ta' zwieg. Ir-rikonoxximent u r-registrazzjoni huma pre-ordinati ghalbiex ikun hemm dikjarazzjoni ta' nullita` ta' zwieg ghall-finijiet u effetti kollha civili daqslikieku kien hemm pronunzjament ta' Qorti f'dan is-sens.

Issa, Qorti tista' tiddikjara zwieg null biss jekk, fl-ewwel lok, jigi konstatat li hemm, ghall-anqas formalment, zwieg. Fil-kaz in dizamina, fic-certifikat taz-zwieg (Dok. A) ezibit mir-rikorrenti Annunziata Bezzina, hemm annotazzjoni – li

din il-Qorti tifhem li saret konformement ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 295[1] tal-Kodici Civili, Kap. 16 – li taqra hekk:

**"It is hereby noted that from a true photostatic copy of a certificate making decree *nisi* absolute (divorce) issued from the Federal Magistres** (*sic!*) **Court of Australia at Melbourne, no. of matter ZM 4665/01 in the case between Anthony Xuereb and Annunziata Xuereb and filed for registration in this office by Dr Micheal Grech LL.D. on behalf of the said Annunziata Xuereb, it appears that by a decree given by the said court on the 30th August 2001, which decree was made absolute on the 1st October 2001 the marriage solemnized at Victoria, Gozo on the 3rd September 1977 between Anthony Xuereb and Annunziata Xuereb nee Bezzina was thereby dissolved. A true photostatic copy of the decree together with the request is attached to the original of this act of marriage. To-day the 13th June 2002, Dr Marlin Vella A/Dir."**

Dan ifisser – u ma jistax hlief ifisser minkejja dak kollu li jghid ir-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex – li ghall-anqas mit-13 ta' Gunju 2002, iz-zwieg bejn Annunziata Bezzina u Anthony Paul Xuereb gie rikonoxxut mill-Istat Malti bhala li m'ghadux jezisti, u dan in forza ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 33 tal-Kap. 255:

**"Decizjoni ta' qorti barranija dwar l-istat ta' persuna mizzewga jew li tolqot dak l-istat ghandha tkun rikonoxxuta ghall-finijiet kollha tal-ligi f'Malta jekk id-decizjoni tinghata minn qorti kompetenti tal-pajjiz li fih xi wahda mill-partijiet fil-procedimenti tkun domiciljata jew li tieghu xi wahda minn dawk il-partijiet tkun cittadin."**

[1] Is-subratikolu (1) tal-Artikolu 295 jipprovdi hekk: "Kull sentenza jew decizjoni ohra moghtija minn qorti kompetenti li biha zwieg registrat ikun annullat jew ikun milqut l-istat li jirrizulta minnu, ghandha, fuq it-talba ta' kull persuna, tigi registrata b'annotazzjoni fil-margini tar-registru".

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tifhem kif tista' tigi mitluba taghti effett ghal decizjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku, biex din id-decizjoni jkollha l-istess effett daqslikieku kienet decizjoni ta' Qorti Civili li qed tannulla zwieg, meta, in effetti, illum ma hemmx zwieg (ghall-finijiet u effetti civili) bejn l-imsemmija Bezzina u Xuereb.

Jidher li r-rikors ta' Annunzjata Bezzina seta' gie, f'certu sens, indott mill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex li f'xi zmien seta' taha x'tifhem li, galadarba hija kienet ser tizzewweg bir-rit Kattoliku, hu ma setax jippubblika t-tnidijiet jekk qabel ma hija taghmel talba lil din il-Qorti biex id-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku tigi rikonoxxuta u registrata. Fin-nota tieghu tat-12 ta' Gunju 2009, l-imsemmi Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex jinsisti li din kienet impressjoni "zbaljata" li kellha r-rikorrenti; pero` l-istess Direttur baqa' jinsisti, kontra kull logika legali, li r-rikorrenti "ghandha kull dritt li taghmel rikors simili". Din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn aktar 'l fuq moghtija, ma taqbilx. Jekk jistghu isiru aktar minn annotazzjoni wahda fuq l-istess certifikat taz-zwieg, dan certament ma jistax isir billi jigu invokati d-disposizzjonijiet tal-Kap. 255 li r-rikorrenti nvokat fir-rikors taghha tas-16 ta' Marzu 2009.

Ghall-motivi premessi, tichad it-talba kif kontenuta fir-rikors promotorju tas-16 ta' Marzu 2009. Fic-cirkostanzi, in vista tal-insistenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex li r-rikors seta' jsir kif effettivament sar, l-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri, jekk hemm, ghandhom jigu kollha sopportati minnu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------